MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 335/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Mallia)**

**Vs**
Theresa Galea

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Lulju, 2006 ghall-habta tas-6.00 p.m. fil-Belt, Valletta :**
**1) bi kliem insulentat lill-Onor. Ministru Perit Ninu Zammit MP;**
**2) bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh tal-Onor. Perit Ninu Zammit MP wegghatu bi kliem.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 t' Ottubru, 2006, li biha,

peress li naqas li jidher il-kwerelant illiberat, lill-appellata mill-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 t' Ottubru, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u, previa s-smiegh tal-provi inkluz l-Onor. Perit Ninu Zammit, issib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat li l-aggravju tal-appellant Avukat Generali kien jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ingustament cahdet it-talba ghal differiment tal-Prosekuzzjoni w ghalhekk ix-xhud principali w indispensabbli fil-kaz ma xehedtx. Illi b'dan l-agir tal-Qorti l-Prosekuzzjoni giet serjament pregudikata peress li l-Ewwel Qorti kellha taghti differiment u mhux tiddikjara li kellu jsir rikors appositu. Illi l-verbal tal-prosekuzzjoni kien certament bizzejjed biex il-Qorti taghti differiment.

Rat il-fedina penali esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-appellata imsejjha diversi drabi tul l-udjenza tal-lum baqghet ma deheritx.

Rat illi f'certu stadju deher Dr. Roberto Montalto li ghalkemm iddikjara li, sa fejn jaf hu, ghadu jippatrocina lill-appellata, din ma nfurmatux bl-appuntament tal-kawza ghall-lum. B'dana kollu huwa kien disponibbli ghat-trattazzjoni.

Semghet bil-gurament lill-Onor. Perit Ninu Zammit dwar ic-cirkostanzi li kienu wassluh biex jitlob differiment fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tas-17 t'Ottubru, 2006 u, senjatament, l-fatt li dak il-jum kien lejliet il-"Budget Speech" fejn kull Ministru tal-Kabinett ikun qieghed okkupat il-hin kollu fl-ahhar thejjijiet u irtokkaturi tal-"Budget" ghal dak li jirrigwarda d-dikasteru tieghu.

L-istess xhud iddikjara li s-Segretarjat tieghu kien informa minn qabel lill-Pulizija biex titlob differiment fil-kawza biex dak inhar ikun jista’ jitla’ jixhed, haga li ma kienx f’posizzjoni li jaghmel fis-17 t’Ottubru, 2006.

Rat illi nonostante din ix-xhieda, Dr. Montalto, ghall-appellata, baqa’ jsostni li l-mod kif intalab id-differiment ma kienx wiehed proceduralment korrett.

Ikkonsidrat;

Illi mill-“Prime Note” tal-udjenza tas-17 t’Ottubru, 2006 quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta illi meta ssejhet il-kawza w dehret l-imputata assistita minn Dr. Roberto Montalto gie verbalizzat testwalment hekk “il-kwerelant baghat jitlob differiment minhabba li hu impenjat fuq xoghol tal-Parlament”.

“Id-difiza topponi ruhha ghad-differiment”.

Umbaghad gie verbalizzat li l-Qorti kienet qed tichad it-talba ghad-differiment stante li t-talba ma saritx b’rikors. Gie mbaghad imsejjah il-kwerelant u ma deherx u l-kawza giet deciza kif fuq intqal.

Ikkonsidrat;

Illi minn imkien fil-ligi ma jirrizulta illi talba simili ghal differiment ghandha neccessarjament issir b’rikors u ghalkemm jista’ jkun rakkommandabbli li hekk isir din ma kienitx raguni bizzejjed biex il-Qorti tichad it-talba ghal differiment.

Jidher li l-prosekuzzjoni ghamlitha cara li d-differiment kien qed jintalab minhabba li x-xhud kien okkupat fuq xoghol Parlamentari u kulhadd jaf li lejliet il-“Budget” il-Ministri kollha jkunu impenjatissimi biex sa l-ahhar mument jaccertaw ruhhom li ghal dak li jirrigwarda d-dikasteru taghhom dak li jkun hemm fil-“Budget Speech” ikun aggornat u vverifikat sa l-ahhar.

Fic-cirkostanzi ghalhekk jidher li t-talba ghal differiment ma kienitx wahda kappriccuza w ma kienx hemm raguni valida ghaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqaghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tannulla s-sentenza appellata w terga tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kawza terga tigi ttrattata u deciza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------